Avviż Numru CCT 158/14-F

**Ronnie Gauci**

**vs**

**Andrews Feeds Ltd.**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Lulju, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mija u tlett ewro (€403), rappreżentanti l-prezz ta' *stepper* fejn in-nagħaġ ma jiżolqux, u li minflok ingħata *trapper.*

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien mar jixtri *stepper* għan-nagħaġ tiegħu mingħand is-soċjeta' ntimata biex in-nagħaġ ma jiżolqux, iżda ma kellhomx *in stock* dan il-prodott u minflok *stepper* ingħata *trapper* li din hija mingħajr grip bil-konsegwenza li n-nagħaġ bdew jiżolqu, u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Rappreżentant tas-soċjeta' ntimata ssottometta verbalment illi *trapper* hija tajba daqs *stepper* għalkemm hemm xi differenzi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi hemm differenza bejn *stepper* u *trapper*, u dak li ingħata r-rikorrenti kienet *trapper,* u li għalhekk mhix tajba għall-iskop li xtaq ir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), u b'dan illi t-*trapper* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**